MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 1504/2000/1

**Elmo Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Gatt u l-istess Joseph Gatt u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 tas-socjeta' Elmo Insurance Limited, bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Gatt assumiet fil-vesti ta' l-attur l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi minflok is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Vitafoam Ltd u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2003 id-Direttur tal-Protezzjoni Civili gie kjamat fil-kawza**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fis-27 ta’ Ottubru, 2000, fejn l-atturi talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta’ tliet mija u disgha liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm309.71) in kwantu ghal mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm284.71) lis-socjeta’ attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lill-attur Joseph Gatt, in linea ta’ danni – minnhom sborsati – in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq San Giljan, Birkirkara, fis-27 ta’ Frar, 2000, meta kimika li harget mill-fabbrika tas-socjeta konvenuta li tinsab fil-qasam industrijali ta’ San Gwann irrendiet it-triq tizloq tant li waqt li l-attur Joseph Gatt kien qed isuq il-vettura numru DAU 492, proprjeta’ tieghu, huwa tilef il-kontroll taghha u baqa’ dehel go hajt - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident is-socjeta’ konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu, 2000, u bl-imghax legali mit-22 ta’ Awissu, 2000, kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Vitafoam Ltd  fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti stante illi s-socjeta’ esponenti hadet kull prekawzjoni mehtiega biex tevita l-incident inkwistjoni u ghalkhekk ma ghandhiex titqies responsabbli ghal kwalunkwe incident li seta’ gara u lanqas ma ghandha tbati d-danni jew spejjez;
2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ esponenti qabdet l-awtoritajiet kompetenti biex jikkawtelaw is-sitwazzjoni u ghalhekk ma ghandhiex titqies responsabbli ghal kwalunkwe incident li seta’ gara u lanqas ma ghandha tbati d-danni jew spejjez;
3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru 2000, kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti kienet ordnat il-kjamata fil-kawza tad-Direttur tal-Protezzjoni Civili;

Rat illi minkejja l-verbal tat-2 ta' Gunju, 2004 (fol. 86), il-kjamat fil-kawza baqa' ma pprezentax eccezzjoni ghat-talbiet ta' l-atturi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku fejn karozza bin-numru tar-registrazzjoni DAU 492 misjuqa minn Joseph Gatt fi Triq San Giljan, Birkirkara, wara li din il-vettura tilfet l-kontroll kawza ta' zlieq li kien hemm fl-art wara skular ta' zejt maghruf bhala Poly oil mill-fabrika tas-socjeta' konvenuta.

Qed jigi dibattut illi s-socjeta' konvenuta waheda mhijiex responsabbli ghad-danni subiti fuq il-vettura peress illi parti mir-responsabbilita' ghandha tintrefa' mid-Direttur kjamat fil-kawza minhabba intervent mhux professjonali illi sar minn naha tieghu, tant illi kellhom jingiebu dartejn sabiex it-triq fl-ahhar tkun tista' tintuza minn vetturi.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-kwantum tad-danni subiti mill-vettura mhuwiex qieghed in diskussjoni, lanqas ma qed jintefa' xi dell ta' responsabilita' fuq is-sewwieq taghha. Din il-vettura kienet qeghda tinstaq b'mod regolarti go Triq San Giljan, Birkirkara meta f'daqqa wahda s-sewwieq sab li qed jitlef il-kontroll tal-vettura u garbet hsarat wara li spiccat fil-hajt. Hu pacifiku li s-sewwieq ma kellu l-ebda kontribuzzjoni ghal dan l-incident illi kien kawza ta' skular ta' zejt mill-fabrika tas-socjeta' konvenuta.

Irrizulta illi kmieni filghodu fis-27 ta’ Frar, 2000, zejt maghruf bhala Poly oil beda’ jiskula minn tankijiet illi kienu fuq barra go bitha tal-fabrika tas-socjeta’ konvenuta. Il-Poly oil waqa’ fl-art, nxtered mall-*factory floor*, baqa’ hiereg fuq rampa sakemm fl-ahhar spicca f’hofra quddiem l-istess fabrika. L-ewwel awtoritajiet li ngiebu fuq il-post kienu l-Protezzjoni Civili, li rcevew rapport ghall-habta tal-hamsa ta’ filghodu (05:00). L-ewwel ma marru kienu Christopher Buttigieg u Gordon Cassar, it-tnejn Assistant and Fire Rescue Officers.

Buttigieg ikkonstata illi kien hemm tankijiet storjati fuq barra minghajr ilqugh. Kien hemm likwidu ohxon hiereg minnhom li spicca f’*dipression* jew hofra fuq rampa quddiem il-fabrika. Christopher Buttigieg (fol. 56) jghid illi huwa staqsa lid-Diretturi tal-fabrika ghal komposizzjoni tal-likwidu, izda ma nghatax informazzjoni u ghalhekk tefa’ l-ilma taht pressjoni u ferrex iz-zejt. Ra li dan kien qieghed jinqasam f’bococ, u wara li spiccat l-operazzjoni pprova t-triq permezz tal-fire engine u anke bbrejka u sab illi kollox kien sewwa. Fl-okkorrenza (fol. 70) jghid, “ oily liquid … washed road with bowser GVH 472.” Dan l-intervent huwa wkoll konfermat minn Gordon Cassar.

Jidher pero’ li dan ma kienx sufficjenti peress illi wara ftit il-Pulizija bdiet tircevi rapporti ta’ zlieq fl-art u anki ta’ x’incidenti. Kien ghalhekk illi PS 977 Joseph Zammit nar fuq il-post biex jinvestiga. Dan sab zewg karozzi, wahda minnhom ta’ Gatt mahbuta gol-hajt u seta’ jara illi l-kawza ta’ dan l-incident kienet il-kimika li kien hemm fl-art imxerrda mat-triq li ghamlitha tizloq. Is-Surgent kellem lil Stephen Carbonaro li kien il-Manager tal-fabrika u lil Anthony Calleja wiehed mid-diretturi, li assuma r-responsabbilita’ kollha ta’ l-incident.

PS Zammit mar fuq il-post ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’ filghodu (08:30) u seta jara li l-likwidu kien ghadu hemm “fi kwantitajiet kbar” (fol. 19). Wara illi ha nota ta’ dak illi kien qed jigri, seta’ jara li t-triq kienet perikoluza sew, fil-fatt xehed, “Tant hu hekk, illi lanqas kont tiflah timxi biz-zlieq li kien hemm fit-triq, ahseb u ara kemm

tista' ssuq karozza." Is-surgent Zammit kien allarmat serjament u seta' jimmagina illi kien ser jinqala' x'incident serju. Ghalhekk, cempel lill-Control Room biex jergghu jibghatu lil tas-Civil Protection u jitfghu r-ramel. Osserva li sakemm baqa' fuq il-post, "anki quddiemi kien hemm karozzi li bdew jitilfu l-kontroll."

Anthony Polidano kien l-ufficjal li mexxa t-tieni intervent ghan-nom tal-Protezzjoni Civili. Meta wasal fuq il-post innota li t-triq kienet imxarrba sew bl-ilma li kien qiesu sapun u l-art kienet tizloq. Huwa cempel l-ufficju taghhom sabiex jibghatu trakk bir-ramel. Uzaw bejn wiehed u iehor erba' jew hames jardi kubi ta' ramel u ferrxuh mat-triq kollha fuq medda twila.

Il-Manager tas-socjeta' konvenuta, Stephen Carbonaro (fol. 95) xehed illi fil-fatt ir-ramel kien xtrah hu u esebixxa dokument a fol. 98 li juri rcevuta ghax-xiri ta' ramel fl-ammont ta' hamsa u ghoixrin lira Maltin (Lm25). Carbonaro jghid fil-fatt illi huwa kien issuggerixxa mill-bidu nett li jintefa' ramel, pero' dan ma sarx u ghalhekk baqa' hemm sakemm ir-ramel intefa' u t-triq giet maghmula sikura ghat-traffiku.

Ikkunsiodrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ma tista' titfa l-ebda responsabbilita fuq is-sewwieq tal-vettura. Barra minn hekk, gie ppruvat ukoll il-konstatazzjoni tad-danni u l-ammonti mhallsa ghat-tiswija permezz tax-xhieda moghtija mill-Maggur Mula, rapprezentant tas-socjeta' assikuratrici (fol. 27). Ghalhekk, ir-responsabilita' ghal dan l-incident ddur fuq is-socjeta' konvenuta u dik kjamata fil-kawza. Ma hemmx dubju illi minn dak li rrizulta, s-socjeta' konvenuta ghandha terfa' parti mill-piz peress illi jidher li kienet negligenti fl-i*storage* tal-Poly oil fl-imhazen taghha. Tant hu hekk, illi ma kienx hemm xi forma ta' lqugh fil-kaz li dan iz-zejt johrog mill kontenitur tieghu u ma jibqax jigri ma' l-art tal-fabrika biex spicca fit-triq.

Sa’ dan l-istadju, pero’, ma jidhirx li l-likwidu jien imxerred b’mod allarmanti mat-triq kollha. Christopher Buttigieg ukoll jixhed fil-kontro ezami illi l-likwidu kien wiehed ohxon u kien *contained* jew ahjar mzmum f’hofra fit-triq quddiem il-fabrika, ghad illi fil-*perimeter* gol-fabrika kien hemm hafna minn dan iz-zejt. Kienet decizjoni ta’ dan Buttigieg illi jnaddaf it-triq permezz ta’ *high pressure water hose* u b’hekk ikkomplika s-sitwazzjoni meta rrenda triq tizloq. Skond Buttigieg huwa saq il-fire engine fit-triq u sab illi kienet normali. Dan pero’ jikkontrasta bis-shih bix-xhieda moghtija mis-Surgent Zammit u minn Anthony Poldano li kien ikkontrolla t-tieni intervent tal-Protezzjoni Civili, aktar tard dakinhar. Fil-fatt kemm Zammit kif ukoll Polidano jghidu li t-triq kienet tizloq sew u kien hemm kwantita’ ta’ ilma u zejt mat-triq kollha. Kien hawnhekk illi ddecidew li juzaw r-ramel u mhux ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni billi jitfghu l-ilma.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel intervent tad-Direttur kjamat fil-kawza ma kienx wiehed professjonali u kien kontributorju ghad-danni subiti fil-vettura msemmija.

Christopher Buttigieg ghamel *assessment* hazina tas-sitwazzjoni illi kellu quddiemu u ma jistax jahrab mill-iskuza illi huma ma nghatax informazzjoni tal-komposizzjoni taz-zejt illi kien hemm fit-triq. Bhala bniedem tekniku messu kien jaf illi kwalunkwe zejt, hu x’inhu, jrid jigi assorbit u mhux imxerred, u wahda mill-mezzi li dana jista’ jsir huwa li jitferrex ir-ramel. Dan gie maghmul b’success fit-tieni ntervent, li pero’ ma kienx f’waqtu biex jevita l-incident in kwistjoni.

Ghalhekk, il-Qorti jidjhrilha illi r-responsabilita’ taghha ghandha tigi attribwita lis-socjeta’ konvenuta u lid-Direttur kjamat fil-kawza, pero’ mhux fi proporzjonijiet ugwali. Il-Qorti jidhrilha li r-responsabilita’ tas-socjeta’ konvenuta hija aktar minn dik tad-Direttur kjamat fil-kawza peress illi s-socjeta’ konvenuta jmissa hadet hsieb mill-ewwel biex tara illi materjal perikoluz illi seta’ kellha fil-fabrika jkun ben kustodit u f’kaz ta’ ncident dan ma jkunx ta’ periklu la ghal fabrika u lanqas ghat-toroq ta’ madwar l-istess. Minn

dan kollu jidher li s-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn u ma' l-ewwel incident iz-zejt sab ruhu fit-triq.

Minn naha l-ohra d-Direttur kjamat fil-kawza ma kienx professjonali fl-ewwel intervent. Sar *assessment* hazin tas-sitwazzjoni u ma jistax jahrab mill-iskuza illi huwa ma nghatax informazzjoni mid-Diretturi tal-fabrika. Fl-istess okkorrenza Christopher Buttigieg kiteb wara dan l-incident u jsemmi dan il-materjal bhala “oily liquid … washed road with bowser GVH 472”. Quindi Buttigieg kien jaf li qed ikollu x'jaqsam ma' materjal zejtni, liema materjal jirrikjedi xi haga assorbenti u mhux tifrix mat-triq kollha. Dan huwa sinjal ta' nuqqas ta' serjeta' u x-xoghol maghmul fl-ewwel intervent zgur illi ma kienx skond is-sengha u l-arti u ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li hawn id-Direttur kjamat fil-kawza ghandu jerfa' parti mir-responsabbilita'.

Ghal fini ta' din il-kawza, il-Qorti jidhrilha li din ir-responsabilita' ghandha tigi merfghuha kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' konvenuta u terz mid-Direttur kjamat fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lid-Direttur kjamat fil-kawza li jhallsu lill-atturi s-somma ta' tliet mija u disgha liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm309.71) kwantu ghal zewg terzi (Lm206.47) dovuti mis-socjeta' konvenuta u kwantu ghal terz (Lm103.23) mid-Direttur kjamat fil-kawza, liema somma ghandha tithallas bhala konsegwenza ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq San Giljan, Birkirkara fis-27 ta' Frar, 2000 fejn kienet involuta l-vettura DAU 492 misjuqa minn Joseph Gatt, fejn dan tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba n-negligenza tas-socjeta' konveuta u tad-Direttur kjamat fil-kawza u baqa' diehel gol hajt fejn gew kawzati d-danni in kwistjoni.

Bl-ispejjez, u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza li ghandhom jithallsu kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta'

konvenuta Vitafoam  u kwantu ghal terz mill-kjamat fil-kawza, d-Direttur tal-Protezzjoni Civili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------